## FIL-QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

### L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 t' April 2024**

**Rikors Guramentat nru: 249 /2022 AGV**

**JM f' isimha proprio u f' isem it- tfal minuri KF li twieled fil- 24 ta' Gunju 2008 u CF li twieled fid-9 ta' Jannar 2010**

**VS**

**CF Z**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' JM detentur tat-karta tal-identita' numru 148886 (M) datat 16 ta' Novembru 2022, fejn ippremettiet is-segwenti:-**

Din hija kawza ghall-kura u kustodja, manteniment u access ghall-minuri K u CF.

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied in komuni bejniethom, u cioe' K ta' 14-il sena u C ta' 12 -il sena.

Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Camilleri datat it-31 ta' Lulju tas-sena 2019, u dan kif jirrizulta minn kopja tieghu hawn annessa u markat Dok A.

Illi minkejja dak miftiehem bejn il-partijiet, l-intimat kontinwament naqas milli jonora l-obbligi u d-dmirijiet tieghu kif miftiehem.

Illi prezentement iz-zewg minuri jirrisjedu mar-rikorrenti u l-intimat ilu ma jezercita xi forma ta' access ghalihom sa minn qabel il- pubblikazzjoni tal-kuntratt surreferit.

Illi sfortunatament, waqt iz-zwieg tal-partijiet, l-esponenti kienet soggetta ghall-abbuz fiziku u psikologiku mill-intimat u dan anki fil-prezenza tal-ulied.

Illi minkejja li l-intimat diga' ma kienx qieghed jezercita access ghall-minuri u minkejja li kien ilu ma jmantnihom, il-partijiet xorta wahda ffirmaw il-kuntratt succitat.

Illi l-intimat ittanta juza 1-biza' tal-esponenti a favur tieghu, b'dan illi wara snin ta' abbandun fil-konfront tal-minuri, wara giet iffirmata s-separazzjoni, huwa nforma lill-esponenti illi jekk hija kienet sejra tesigi l-hlas tal-manteniment, huwa kien sejjer jinsisti fuq 1-access tat-tfal. Sforz il-biza' li 1-esponenti kellha mill-intimat, u minhabba 1-fatt li l-

minuri jirrezistu li mqar issemmilhom isem missierhom, hija kienet toqghod pass lura u ma kinetx titlob manteniment, li wara kollox kien obbligu tal-intimat li jhallas.

Illi llum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom wild iehor minn relazzjoni ohra, bid- differenza illi filwaqt li 1-esponenti kompliet tindokra, tmantni u trabbi liz-zewg uliedha mertu ta' din il kawza, l- intimat ghazel li jkompli jabbandunahom u jghix daqs li kieku qatt ma kellu wlied ohra.

**Kura u Kustodja**

Illi fi klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt succitat il-partijiet kienu ftehmu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri K u C tkun fdata konguntivament f'idejn iz-zewg partijiet, b'dan illi r-residenza taghhom tkun mar-rikorrenti. Illi l-intimat la qatt ha interess fis-sahha jew l-edukazzjoni ta' wliedu u wisq inqas fit-trobbija taghhom, tant illi tista' tghid li 1-esponenti rabbiet liz-zewg ulied wahedha.

Illi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt sallum, 1-esponenti rriskontrat diversi problemi stante illi ma hemm l-ebda komunikazzjoni mal-intimat, b'dan illi anki ghal kwistjonijiet zghar l-esponenti jkollha toqghod tispjega ruhha ma' terzi persuni sabiex kemm jista' jkun il-minuri ma jitilfu xejn.

Illi ghall-gid suprem taz-zewg minuri, ikun opportun illi l-kura u l-kustodja taghhom tigi affidata esklussivament mal-esponenti.

**Access**

Illi fi klawsola numru disgha (9), ghaxra (10), hdax (11), tnax (12) u tlettax (13) tal-istess kuntratt, il-partijiet kien ftehmu dwar kif kellu jkun

1-access tal-intimat. Matul is-snin dan l-access qatt ma gie ezercitat, u lanqas qatt ma saret talba sabiex jigi ezercitat.

Illi kien biss wara li l-esponenti kkonsulta s-sottoskritti u saret talba ghall-hlas tal- arretrati tal-manteniment ta' wliedha, kif inhu l-obbligu u d-dmir li taghmel, illi l-intimat beda jirrikattaha li hu kien sejjer jirrapurtaha l-ghassa talli ma kienx qieghed jara lit-tfal, bhalma fil- fatt ghamel.

Illi l- esponenti qatt ma kellha oppozizzjoni jew oggezzjoni illi l-intimat ikollu access ghaz-zewg minuri, izda sfortunatament giet f'sitwazzjoni illi r-rifjut tal-minuri li jmorru ghall-access wassal sabiex qeghdin jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha, liema proceduri jistghu jwasslu ghal piena karcerarja.

Illi dawn iz-zewg minuri llum huma adoloxxenti u qeghdin fl-aghar zmien tal-adoloxxenza taghhom u l- fatt li ghandhom hafna rabja lejn l-intimat missierhom ftit li xejn tghin is-sitwazzjoni taghhom. Sfortunatament iz-zewg minuri ghaddew minn perjodu ta' *self harm*, li bl-ghajnuna tal-esponenti u tal-professjonisti jidher fi din il-problema giet meghluba.

Illi minhabba din is-sitwazzjoni li l-esponenti sabet ruhha fiha, hija rrikorriet quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn talbet il-hatra ta' avukat tat-tfal. Din l-istess Qorti eventwalment innominat lid-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal sabiex jinfurmawha dwar jekk l-istess minuri ghandhomx imorru ghall-access ma' missierhom.

Illi sfortunatament, stante illi r-rapport dam ben hdax (11) — il xahar sabiex gie pprezentat, din 1-Onorabbli kienet diga' ddikjarat il-

medjazzjoni ta' bejn il-partijiet maghluqa, u ghalhekk ma kienx hemm digriet finali.

Illi fir-rapport surreferit, prezentat fit-18 ta' Ottubru 2022, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u markata Dok B, irrizulta bl-iktar mod ampju illi l-minuri mhumiex lesti illi jkollhom access mal-intimat b'mod volontarju, u ghalhekk gie suggerit li m'ghandux ikun hemm access, anki ghaliex l-intimat stqarr mal-haddiem socjali li ma riedx li l-minuri jigu sfurzati.

Illi izda minkejja dan, l-esponenti xorta wahda hija soggetta ghal-kawzi kriminali, kif sejjer jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Illi ghalhekk ikun ferm ghaqli illi l- access tal-intimat, stante n-nuqqas ta' interess tieghu fir-rigward tal-minuri ghal dawn is-snin kollha, ghandu jigi terminat, u dan sabiex tigi salvagwardjata l-inkolumita' tal-minuri. L-esponenti ma tixtieqx illi wliedha jergghu jispiccaw iwegghu lilhom infushom minhabba sitwazzjoni li m'ghandhomx kontroll fuqha.

**Manteniment**

Illi fi klawsola numru dsatax (19), ghoxrin (20), wiehed u ghoxrin (21), tlieta u ghoxrin (23) u erbgha u ghoxrin (24), l-intimat obbliga ruhu illi jhallas manteniment fis-somma ta' mitejn euro (€200) ghal kull wild, liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, oltre nofs l-ispejjez medici, edukattivi u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda.

Illi sfortunatament, l-intimat naqas milli jhallas il-manteniment dovut ghaz-zewg minuri u dan kif jirrizulta minn zewg ittri ufficjali mibghuta u debitament notifikati lilu, wahda f'Settembru tas-sena

2020 u ohra f'Mejju tas-sena 2022, kopja ta' liema jinsabu hawn annessi u markati Dok C u Dok D rispettivament.

Illi kien biss wara n-notifika tal-ewwel ittra illi huwa hallas parti mill-arretrati, b'dan illi l-kumplament ghadu kollu dovut, kif sejjer jirrizulta fil-mori tal-kawza. Minhabba f'hekk l-esponenti kienet kostretta illi tipprocedi b'mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-istess intimat, b'dan illi hemm circa €3,500 depozitati permezz ta' cedoli 1-Qorti.

Illi minkejja d-diversi interpellazjonijiet ghall-hlas u minkejja d-diversi weghdi ta' hlas, l-intimat baqa' inadempjenti. Nhar il-31 ta' Ottubru 2022, 1-intimat baghat email direttament lis-sottoskritta fejn infurmaha illi sakemm jibqa' in vigore 1-mandat ta' sekwestru, huwa ma kienx se jhallas manteniment, u li wara li jitnehha huwa kien sejjer jibda jhallas 1-arretrati, b'insistenza wkoll illi 1-esponenti mhux timxi mal-kuntratt ghaliex skontu mhux thallih jara lit-tfal. Dan meta ftit tal-gimghat qabel huwa kien informa lid-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal li huwa ma riedx li l-minuri jkunu sforzati jmorru ghall-access, u minkejja illi huwa qatt ma mar biex attwalment jezercita l-access. Kopja tal-email tinsab hawn annessa u markata Dok E.

Illi oltre dan, l-intimat qatt ma kkontribwixxa ghal sehemu mill-ispejjez medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari taz-zewg minuri.

Illi certament illi din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' tippersisti, u ghalhekk ikun ferm ghaqli illi s-somma tal-manteniment tigi awmentata sabiex tirrifletti z-zieda tal-gholi tal-hajja kif ukoll tkun tinkludi sehem 1-intimat mill-ispejjez medici, edukattivi u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda. Tali somma ta' manteniment ghandha tinqata' direttament mis-salarju tal-intimat u tithallas f' kont bankarju intestat f' isem l- esponenti.

**Passaport tal-minuri**

Illi fi klawsola numru hmistax (15), sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18), il- partijiet ftehmu l-minuri ghandu jkollhom passaport li jinhareg jew jigi mgedded bil-kunsens espress taz-zewg partijiet.

Illi minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni li hemm bejn iz-zewg partijiet, minhabba n-nuqqas ta' interess tal-intimat, ikun ferm ghaqli illi l-esponenti tigi awtorizzata illi ggedded il-passaport tal-minuri minghajr il-kunsens tal-intimat u dan ghaliex ma hux gust ghaliha illi tirrikorri quddiem din il-Qorti kull darba tkun trid issiefer bil-minuri, b'dan illi tinkorri spejjez addizzjonali kull darba ghaliex ikun restritt.

Illi minhabba s-sitwazzjoni prezenti, 1-esponenti kellha tirrifjuta safra mal-familja taghha li kienet se tkun rigal ghall-minuri, minhabba illi ma kellhiex zmien bizzejjed sabiex titlob u tottjeni l- permess ta' din 1-istess Qorti.

Illi l- esponenti ma ghandha 1-ebda intenzjoni illi titlaq minn dawn il-gzejjer, u ghalhekk ma ghandha 1-ebda oggezzjoni li tobbliga ruhha illi r-residenza u d-domicilju tal-ulied jibqghu dik ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Illi sfortunatament il-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju, u dan kif jirrizuita mid-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni u zewg digrieti ohra b'estensjoni ghall-prezentata tal-kawza odjerna, kopja ta' liema qeghdin jigu hawn annessi u markati Dok F, Dok G u Dok H.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tordna illi l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri K  u C , ahwa F, tigi affidata esklussivament f' idejn ir-rikorrenti.
2. Tittermina l-access tal-intimat ghaz-zewg minuri.
3. Tordna lill-intimat sabiex jivversa manteniment adegwat ghaz-zewg minuri fis-somma ta' sitt mitt euro (€600) fix-xahar, liema manteniment ikun jinkludi sehemu mill-ispejjez medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.
4. Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena skont l- indici tal-gholi tal-hajja.
5. Tordna illi l- manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat jew mill-beneficcji socjali illi l- intimat ikun qieghed jippercepixxi, b'dan illi 1-employer tal-intimat jew id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghandhom jigu ordnati jesegwixxu din l- ordni u jhallsu lir-rikorrenti direttament f'kont bankarju intestat f' isimha.
6. Tordna lill-intimat sabiex ihallas 1-arretrati ta' sehemu mill-ispejjez medici, edukattivi u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda inkorsi mir-rikorrenti ghall-bzonnijiet tal-istess minuri mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.
7. Tawtorizza lir-rikorrenti biex tkun tista' tapplika u ggedded il -passaport taz-zewg minuri minghajr awtorizzazzjoni tal-intimat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-medjazzjoni numru 1377/20 BOB, u bil- konvenut ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Risposta Guramentata ta' CFZ , fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponent ma jaqbel xejn **mal-ewwel (1) talba** attrici li permezz taghha hija qieghda titlob illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied il-partijiet K u C  tigi affidata lilha b'mod esklussiv. Bid-dovut rispett

jinghad li dan m'huwa xejn ghajr tentattiv iehor minn sensiela ta' decizjonijiet mehudha mill-attrici omm matul is-snin u li permezz taghhom hija qieghda tkompli teskludi lill-konvenut esponent mill-izvilupp, il-hajja u l-kuntatt tal-ulied minn ma missierhom u f'kaz li tigi akkolta din it-talba taghha ser ikun ikompli jitnaqqar mid-drittijiet bazici tal-esponent konvenut li minn tal-anqas, ikun mgharraf u nformat bid-decizjonijiet formattivi tal-ulied li b'dispjacir jinghad li matul l-ahhar snin gie mcahhad minnhom. Illi f'dan is-sens jinghad li assolutament mhuwiex minnu dak li l-attrici tghid in sostenn tat-talba taghha u cioe` li matul is-snin sabet xi diffikulta' marbuta mal-fatt li l-esponent huwa vestit b'nofs il-kura u kustodja tal-ulied, u fil-fatt, kienet hi li ghazlet li tghaddi minn tali diffikultajiet fl-isforzi taghha li teskludi lill-esponent mill-process tat-tehid ta' dawn id-decizjonijiet, minflok ma tiddjaloga mieghu, u li issa – m'ghandhiex tigi ppremjata ghal din l-ghazla taghha billi jigi sanzjonat dan il-process attiv ta' eskluzjoni u *parental alienation* da parti taghha.

2. Illi fir-rigward tal-access huma minnu li matul l-ahhar snin l-esponent ma kienx qieghed jezercita l-access. Dan ma kienx isehh, mhux b'ghazla jew bi traskuragni tieghu, jew ghaliex m'ghandux interess li jkollu kuntatt u relazzjonijiet sani mal-ulied, imma ghaliex hemm rezistenza da parti tal-istess ulied li per sfortuna gew immanipulati matul is-snin mill-attrici u mill-membri tal-familja taghha. Ser jigi pprovat li wara li ghal snin shah kien hemm access li kien qieghed jigi ezercitat b'mod normalissimu, kien hemm perjodi ta' rezistenza fejn l-esponent kien anke jcempel lill-ulied permezz tat-*telephone* u minflok jitkellem maghhom – kien ikollu joqghod jissapporti jisma` lill-attrici tghidilhom minn wara x'ghandhom iwiegbu l-ulied. Illi llum l-esponent filwaqt li huwa dispjacut ghall-ahhar, mhuwiex sorpriz li wara snin ta' indottrinazzjoni, is-sitwazzjoni hija dik li hi, b'dan li xorta wahda ma jaqbel xejn **mat-tieni (2) talba** attrici li se mai, ghandha

tigi ndirizzata billi jinhatru professjonisti li jkunu nkarigati mis-sitwazzjoni, jevalwaw id-diffikultajiet li hemm u possibilment jistabilixxu kuntatt tal-anqas baziku bejn l-ulied u l-esponent stante li huwa evidenti li huwa fl-interess tal-istess ulied li jkun hemm kuntatt maz-zewg genituri li indubjament ihobbuhom it-tnejn bil-mod taghhom.

3. Illi **t-tielet (3) talba** wkoll ghandha tigi michuda stante li l-manteniment prezentement imhallas mill-esponenti huwa in konformita` shiha mal-introjtu tieghu u mhuwiex possibbli ghalih li jhallas aktar minn dak li qieghed jithallas, u li lanqas m'huwa possibbli li l-esponent jahdem sighat aktar minn kemm diga' qieghed jahdem. Illi l-esponent dejjem ottempora ruhu mal-obbligi tieghu kwantu ghall-hlas tal-manteniment ghajr ghall-perjodu qasir matul is-sena kurrenti li matulu, waqa` lura fil-hlasijiet ghal ragunijiet interament attribwibbli lill-attrici kif ser jigi pprovat – anke matul dawk is-snin li kien qieghed jigi mcahhad kontinwament minn kuntatt ma uliedu u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni li timmilita favur iz-zieda fil-manteniment.

4. Illi fir-rigward tal-awment mitlub in linea ta' zieda skond l-indici tal-gholi tal-hajja **fir-raba` (4) talba** attrici, l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghal tali talba u li l-istess talba effettivamet hija riflessa fi klawsola numru wiehed u ghoxrin (21) tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet, ippublikat nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Malcolm Camilleri.

5. Illi fir-rigward tal-**hames (5) talba** li permezz taghha l-attrici titlob li l-manteniment jinqata` direttament mis-salarju tal-esponent ser jirrizulta li matul is-snin ma kien hemm qatt l-ebda forma ta' pendenza ghajr ghal numru ta' xhur matul l-ahhar sena li wara perjodi estizi li matulhom l-attrici

nformatu li kemm-il darba huwa jieqaf jipprova jezercita l-access versu l-ulied hija kienet lesta li ma titlobx manteniment minghandu, b'dan li sussegwentement jidher li kellha ripensament possibilment ghaliex l-esponent ried li jara lit-tfal tieghu xorta wahda. Illi minn hemm il-partijiet ghaddew minn xhur li fihom l-esponent, kolpit b'mandat ta' sekwestru mhux biss kellu diffikultajiet ihallas numru ta' xhur f'arretrati fi ftit gimgha, imma sabha wkoll difficli jhallas ir-ripagamenti fuq is-self tal-abitazzjoni tieghu fost diffikultajiet ohrajn ikkawzati mill-istess mandat u li ser jirrizultaw matul is-smiegh tal-proceduri. Illi bid-dovut rispett ghalhekk hawn ukoll jinghad li l-attrici m'ghandhiex tigi ppremjata ghad-decizjonijiet hziena taghha billi issa l-esponent ikun imcahhad mill-amministrazzjoni xierqa tad-dhul tieghu meta ma hemm l-ebda nuqqas li jehtieg jirrispondi ghalih!

6. Illi fir-rigward tal-arretrati tal-ispejjez imsemmija **fis-sitt (6) talba** l-esponent jikkontendi li huwa qatt ma inghata ricevuti denji ta' hlas u ghalhekk se mai din it-talba ghandha tigi pprovata filwaqt li kwalunkwe arretrati in linea ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni u/jew attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jigu komputati, u f'kaz li jirrizulta li hemm arretrati dovuti dawn ghandhom jithallsu. Jinghad bir-rispett pero` li l-attrici ma tistax tippretendi hlasijiet ghal attivitajiet li l-esponent lanqas biss gie mgharraf li uliedu kienu qieghdin jattendu u li ghalihom qabdet u kitbithom hija minghajr l-ebda forma ta' konsultazzjoni ta' xejn, b'mod specjali meta wiehed jikkonsidra li l-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet jistipola b'mod car li hija biss l-ewwel (1) attivita` li l-partijiet obbligaw ruhhom li jaqsmu l-ispejjez taghha kwantu ghal nofs kull wiehed minnhom.

7. Illi **s-seba` (7) talba** ghandha tigi michuda wkoll stante li l-unika raguni ghalfejn qieghda ssir l-istess talba huwa sabiex l-esponent ikompli jigi eskluz minn kull forma ta' decizjoni li tittiehed fir-rigward tal-ulied, aktar milli ghaliex l-esponent b'xi mod jew iehor ghamel il-bsaten fir-roti meta l-istess attrici omm kien jehtiegilha xi awtorizzazzjoni ghall-hrug tal-passaporti taghhom.

Bl-ispejjez, u bl-attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-medjazzjoni annessa.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attrici tikkonferma li ghandhom zewgt itfal K  li ghandu 15-il sena u C, li ghandu 14-il sena u kienu sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku f'Lulju 2019.

   Tammetti li ma kinitix baqghet mal-konvenut minhabba vjolenza domestika u tammetti ukoll li ma kinitx ghamlet rapporti l-ghassa minhabba li kienet mahkuma  bil-biza'.

**<u>Manteniment + spejjez edukattivi, medici u tal-attivitajiet extra-kurrikulari</u>**

Wara li ffirmaw is-separazzjoni, tispjega li l-konvenut kien waqaf ihallas manteniment ghat-tfal u lanqas kien jitlob biex jarahom, izda tammetti li dan kien ghaliex fis-sahna tal-mument peress li riedet tkun ‘l boghod mill-problemi tal-konvenut, kienet accettat li ma jaghtix manteniment u hi ma turihx it-tfal.

Iktar ma beda jghaddi z-zmien bdiet tinduna li l-ispejjez tat-tfal bdew jizdiedu u ma setghetx tkompli thallas l-ispejjes kollha wahedha. Ghalhekk kienet hadet parir minghand avukat u hadet il-passi sabiex tibda tithallas manteniment u fil-fatt wara li rcieva mill-Qorti kien beda ihallas xi manteniment b’lura, izda mbaghad rega’ waqaf. Kienet bdiet taghmel il-kwereli tramite l-avukat taghha u gieli kien ihallas, gieli in parte u gieli xejn.

Kien biss meta l-Qorti ordnat li l-manteniment kellu jibda jinqata’ direttament mill-paga tieghu li l-konvenut kien beda jsir regolari fil-pagamenti tieghu u dan peress li l-imghallem tieghu kellu xi problemi mal-bank sabiex ihallasha direttament.

Presentement, l-attrici tikkonferma li l-konvenut qed ihallas pero’ dejjem hemm pagamenti b’lura. Fil-fatt fit-22 ta’ Marzu, 2023 kienu ffirmaw skrittura bejniethom[1] fejn ftehmu li l-konvenut kellu jhallas il-manteniment b’lura bir-rata ta’ €100 fix-xahar. Tishaq li s’issa dawn l-arretrati qed jithallsu.

Il-manteniment skond il-kuntratt ta’ separazzjoni kien dak ta’ €400 fix-xahar u bl-gholi tal-hajja jammonta ghal €415.30 fix-xahar. Inoltre,

[1] Dok. A

suppost kellu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u ta' attivita' extra-kurrikulari u minn dawn tghid li l-konvenut ma jtiha xejn. Ghalhekk qed tinsisti li l-ammont ta' manteniment ghandu jinkludi fih dawn l-ispejjes.

L-attrici ttenni li ghandha diversi spejjez medici peress li t-tifel K, ibati minn *severe nut allergy*[2] u ghalhekk ikollha tixtri l-epipen kull sitt xhur u ovvjament jekk tintuza din ghandha tigi sostitwita.

L-attrici pprezentat prospett tal-ispejjes edukattivi, medici u extra-kurrikulari li ghandha ghaz-zewgt itfal kull xahar u l-ammont li ndikat huwa dak ta' €1,164 fix-xahar.[3]

Ghaldaqstant, l-attrici qed tippretendi li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' €570 fix-xahar bhala manteniment, liema somma ghandha tinkludi fiha l-ispejjes medici, edukattivi u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda (gym).

Sallum tispecifika li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghal dawn l-ispejjes u dejjem hallsithom hi. Dejjem hallset ghall-epipens, dentist, l-uniformijiet u bzonnijiet relatati mal-iskola u cirka €800 ghat-tilqimiet.

In kontro-ezami l-attrici tikkonferma li hija rregistrata bhala *part-time hairdresser*, izda iktar tghin fid-dolcerija tar-ragel prezenti taghha.

**<u>Access</u>**

---

[2] Dok. B
[3] Fol. 153 fl-affidavit tal-attrici.

L-attrici ssostni li wara li fethet il-proceduri ghall-manteniment, sabiex ipattiehiela, l-konvenut irrapporta li kienu ilu ma jara lill-minuri ghal cirka sena u nofs u dan sabiex igieghlha tibza sabiex ma tkomplix bil-proceduri. In kontro-ezami tammetti li meta bdew il-medjazzjoni kien hemm perjodu fejn il-konvenut kien imur ghall-access mat-tfal regolarment. Tammetti li xi kultant kien ikun difficli sabiex imorru ghall-access fil-granet miftiehma u dan minhabba li kien ikun hemm l-izfin. Tikkonferma li t-tfal kienu bdew jiddejjqu jmorru ma' missierhom u dan l-iktar minhabba l-komportament tieghu maghhom.

Tishaq ukoll li l-konvenut ghamel dan ir-rapport meta kien jaf ukoll li t-tfal ma riedux jiltaqghu mieghu u ma riedx jisfurzahom u dan kif ikkonferma ukoll Bradley Desira tal-Appogg. Illum tghid li m'hemmx kuntatt bejn il-konvenut u uliedu.

Ittenni ukoll illi tixtieq li jigi tterminat l-access ghaliex il-passat wisq halla marka fuq it-tfal, tant li ma jridux jafu b'missierhom u kieneu ghaddew minn perjodu hazin, tant li kienu jaghmlu *self-harm* u certament ma riditx terga' tghaddi minn dina l-istess esperjenza.

**<u>Kura u Kustodja u passaporti</u>**

L-attrici qed tinsisti li tinghata l-kura u kustodja tal-minuri u dan peress sabiex tiehu decizjonijiet rigward l-edukazzjoni tat-tfal, dejjem trid titlob il-kunsens tal-konvenut u dan jikkrea problema peress li hafna drabi ma jikkooperax, bhal meta l-minuri K  jixtieq li l-Form 5 jaghmilha l-ALP (Alternative Learning Programme) sabiex isir mekkanik u jhejji t-triq sabiex imur l-MCAST.

L-attrici tishaq li l-konvenut ma jinvolvix ruhu bl-ebda mod fil-hajja ta' uliedu u jhallas il-manteniment ghaliex ta' bilfors.

L-attrici qed tinsisti ukoll li tinghata d-dritt li ggedded il-passaport tal-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut sabiex Tevita li jirrifjuta li jiffirma kapriccosament.

**2.** Il-konvenut isostni li l-€400 fix-xahar manteniment li jhallas ghaz-zewgt minuri, tenut kont tal-fatt li maghhom ghandhom jizdiedu l-gholi tal-hajja, fejn prattikament issa qed ihallas mal-€450, huwa ammont sufficjenti bhala manteniment.

Inoltre, qed ihallas ukoll €100 ohra fix-xahar bhala part mill-arretrati dovuti lill-attrici, kif ukoll l-attrici tircievi *childrens allowance*. Jispjega li meta l-minuri ma kienux qed imorru jarawh iddecieda li jaghmel ftit pressjoni fuq l-attrici billi jinsisti li ma kienx ser ighaddilha manteniment jekk kemm il-darba ma kienx ser jara lil uliedu. Dan kien qalu fis-sahna tal-mument u l-attrici kienet hatfitu fil-kelma.

Jispjega ukoll li eventwalment l-attrici kienet ghamlet rapport kriminali fuq in-nuqqas ta' hlas u gie ukoll rinfaccjat b'mandat ta' sekwestru fuq l-arretrati. Kien ra kif ghamel sabiex ihallas €9,000 fi zmien qasir. Kien warrab ftit minn dawn il-flus, kif ukoll kien issellef parti minnhom minghand il-familjari.

Filwaqt li hu qed ibati minn problemi finanzjarji ghax irid ihallas sehemu mil-loan tad-dar li xtara mas-siehba tieghu li jammonta ghal €750. Itenni li l-attrici ma tantx jidher li ghandha problemi u dan meta ghamlet diversi interventi kirurgici u wasal ghal dina l-konkluzjoni peress li naqset hafna

mill-piz. Prezentement mhux qed jahdem u qed ifittex xoghol. In kontro-ezami jikkonferma li qed jahdem *self-employed* fejn joffri servizzi ta' *lifter*. Jinsisti li l-attrici ddecidiet li titlob awment fil-manteniment u dan minhabba li kellu tarbija ohra minn relazzjoni ohra. Sabiex ihallas dan il-manteniment u l-loan jammetti li gieli jghinu missieru.

Mill-introjtu tieghu ukoll ghandu jhallas diversi spejjes ohra, apparti l-manteniment u dawn huma l-licenzji, poloz ta' assikurazzjoni, ripagamenti fuq il-proprjeta' tieghu ta' €500, kif ukoll l-ispejjes tas-sahha.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Il-konvenut jinsisti li dejjem xtaq ikollu access ghall-uliedu, izda l-attrici ghamlet hilitha sabiex teliminahom minn hajtu. Jichad li ghamilha difficli sabiex jikkoopera fejn jirrigwarda t-tfal u kien anke mar jiffirma l-awtorizzazzjoni sabiex jiggedded il-passaport.

Jispjega li kien ghamel rapport wiehed in kwantu jirrigwarda n-nuqqas ta' access, izda jammetti li ma kienx ghamel izjed u dan sabiex ma jghaddix lit-tfal minn izjed martirju minn dak li kienu ghaddejjin minnu. Kien jippretendi li l-attrici tghin minflok immanipulathom. Kien fil-fatt dispjacir kbir meta sar jaf li l-minuri C, kien iccelebra l-Grizma tieghu fit-18 ta' Settembru, 2022 f'parocca ohra mhux tal-parocca taghhom. Ma kienx jitkellem mal-attrici, pero' assuma li peress li joqoghdu l-Kalkara kien ser jaghmel il-Grizma hemm u mhux B'Kara. Ighid li l-attrici lanqas biss kienet tinfurmah bil-parents day u okkazzjonijiet ohra relatati mal-iskola.

Ighid ukoll li xi hadd kien ghadda lill-iskola email hazin tieghu u meta mar l-iskola sabiex jikkjarifika kollox illum is-sitwazzjoni ttrangat u jircievi notifiki ta' kollox.

**Access**

Jispjega li sakemm kienu ghaddejjin bil-proceduri ta' medjazzjoni l-access kien jigi ezercitat regolarment u t-tfal kienu jigi bla xkiel ta' xejn. L-attrici u in partikolari ommha ghamlu hafna hsara lit-tfal u gew mimlija kontrih, tant li ma jridux jiltaqghu mieghu. In kontro-ezami jikkonferma li kien hemm xi darbtejn meta ma setax imur ghat-tfal, imbaghad minn hemm l-attrici bdiet isib kull skuza sabiex ma jehodomx u darba meta kien imissu kien mar ghalihom u ma sabx l-attrici hemm u kienet harget bit-tfal.

Kien jinduna li meta kien icempel biex ikellem lit-tfal, kien jisma' silenzju u l-attrici jew familjari taghha jghidu lit-tfal x'ghandhom ighidu.

Jinnega li kien hemm vjolenza fid-dar kif tallega l-atttrici, anzi jghid li jekk kienet taqla' argument kien jistenna sakemm jorqdu t-tfal jew inkella johrog 'l barra biex jevita diskors quddiem it-tfal.

Jispejga li l-ahhar li ra t-tfal kien wara incident fejn l-attrici talbitu jnizzel lit-tfal il-Mandragg mhux id-dar u hemm sab is-sieheb taghha u rrifjuta li jaghtih lit-tfal u minn dakinhar ftit li xejn baqa' jarahom.

In kontro-ezami jikkonferma li qatt ma kkontribwixxa lejn l-ispejjes edukattivi u medici tal-minuri. Ikkonferma ukoll li K, ibati minn *nuts allergy* u jkollu bzonn l-epipen li jekk ma tintuzax fi sitt xhur jehtieg li tinxtara ohra u kienet tiswa 'l fuq minn mitt Euros.

Jammetti li qatt ma hareg spejjez ghad-dentist u ghall-ispejjez tal-iskola.

3. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-konvenut.[4]

4. **Daniel Azzopardi**, in rapprezentanza ta' BNF Bank jikkonferma li mir-ricerki li ghamel jirrizulta li f'isem il-konvenut, kien hemm is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Current account 31883310001 li ghadu miftuh;[5]
ii) Savings account 3188331801 li huwa maghluq;[6]
iii) Savings account 31883318002 li huwa maghluq.[7]
iv) Kellu ukoll kont kongunt ma' C F kont kurrenti 38330910001 li ghadu miftuh u jikkonferma li ma kienx hemm attivita' bankarja fit-time frame mitluba.
v) Business loan- 38220970001 li llum huwa maghluq.
vi) Joint account mal-attrici kont savings 1926023 llum maghluq.
vii) Savings account 14019818002
viii) Zewg credit cards bin-numri 1926023 u 1926210 rispettivament.

Ipprezenta ukoll l-istatement ta' account number 318833101 u jaqa' fir-request originali.

5. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Trasport Malta kkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizulta s-segwenti vetturi prezentement irregistrati

[4] Dok. LB 1
[5] Dok. DA 1
[6] Dok. DA 2
[7] Dok. DA 3

f'isem il-konvenut.[8] Ipprezentat ukoll dokumentazzjoni rigward vetturi li kienu rregistrati f'isem il-konvenut fil-passat.[9]

Dwar vetturi f'isem l-attrici tikkonferma li fil-prezentement hemm vettura wahda rregistrata fuq isem l-attrici.[10] Ipprezenta ukoll informazzjoni dwar vetturi li kien hemm irregistrati fil-passat fuq isimha.[11]

6. **PC 2153 Sascha Vassallo Rivans** ipprezentat disa' rapporti li saru fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll ipprezentat il-fedina penali tieghu.[12]

7. **VB** bhala l-imghallem tal-konvenut ikkonferma li l-konvenut jahdem mieghu bhala xufier tat-trakkijiet. Ipprezenta l-FS3 tas-snin 2020 sa 2022. Ipprezenta ukoll il-payslips tas-sena 2023.[13]

8. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet, irrizultalha li kien hemm kont wiehed savings account 40012517787 f'isem il-konvenut, li ghadu miftuh.[14]

Irrizulta zewg kontijiet kongunti mal-attrici:-

a) Home loan 40022329570 li huwa maghluq.[15]
b) Savings account 40022323123 li huwa maghluq.[16]

---

[8] Dok. SC1
[9] Dok. SC2
[10] Dok. SC3
[11] Dok. SC4
[12] Dok. SVR 1 u SVR 2
[13] Doks. VB1 u VB 2
[14] Dok. JB 1
[15] Dok. JB 2
[16] Dok. JB 3

Irrizulta ukoll li kien hemm credit card f'isem il-konvenut li skond ir-rekords kienet intilfet u giet sostitwita minn card ohra 37595, li ghadha attiva. Ipprezentat l-istatement tal-card 1012 li nghalaq fl-2021 u t-tieni card 7595 li ghadha valida.[17]

Irrizulta ukoll li kellu erba' kontijiet kongunti:-

i) Kont C u CL F -business overdraft 40022219648 li huwa maghluq.[18]
ii) C F u RX – savings account 50009355 u ghadu miftuh.[19]
iii) House loan CF RX 50010719111 liema kont ghadu miftuh.[20]
iv) Home loan CF u R X 50010723819 liema kont ghadu miftuh.[21]

9. **Bradley Desira** pprezenta rapport fis-7 ta' Settembru, 2022 u jikkonferma li l-konvenut kien ighidlu li qed ihallas il-manteniment lill-attrici tramite Revolut. Kien anke spjega li meta tkellem mal-minuri kienu accennawlu li ma jridux jiltaqghu mal-konvenut u l-gurnata taghhom tkun ahjar jekk ma jarawhx u l-iktar ghaliex kienu jibzghu minnu.

Dwar l-access ighid li kif spjegalu l-konvenut kien ihalli l-ghazla lit-tfal jekk riedux imorru mieghu ghall-access. Milli qallu u milli qalulu t-tfal, K kien jaghzel li jibqa' ma' ommu, filwaqt li l-C kien jaghzel li jmur mal-konvenut.

Dwar allegazzjonijiet ta' vjolenza kommessa mill-konvenut ighid li kkonfronta l-konvenut li nnega dan. It-tfal minuri pero' semmewlu xi

---

[17] Dok. JB 4 u JB 5
[18] Dok. JB 6
[19] Dok. JB 7
[20] Dok. JB 8
[21] Dok. JB 9

episodji. Izid ighid li l-konvenut ammetta mieghu li jippreferi li l-access jigi ezercitat b'mod volontarju, iktar milli jigi zfurzat.

Minhabba li t-tfal kienu urew ix-xewqa li ma jmorrux ma' missierhom ma kienx hass il-htiega li jisfurzahom.

Dwar l-allegat abbuz da parti tal-konvenut issemmi dawk id-dettalji li tawh K u C.

Jikkonferma li minn meta beda jahdem ma' dina l-familja ma kienx hemm access.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kontendenti kienu sseparaw konsenswalment skond kuntratt ta' separazzjoni datat 31 ta' Lulju, 2019, fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Camilleri u minn dakinhar inqalghu problemi rigward it-tfal, kif ukoll il-konvenut naqas li jhallas manteniment ghall-minuri, tant li hemm arretrati. Ghaldaqstant, l-attrici pprezentat dina l-kawza sabiex tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri, l-access ghall-istess minuri, kif ukoll il-hlas ta' manteniment.

**Kura u kustodja/Access**

Il-gurisprudenza nostrana zviluppat dan il-kuncett u theggeg li d-decizjoni fuq kura u kustodja ghandha tkun ibbazata fuq dak li huwa fl-ahjar interess u l-aqwa vantagg ghall-minuri.

Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 i**ntqal illi:-

> ***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

> ***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

Il-Qorti ser tikkunsidra l-kwistjoni tal-kura u kustodja, kif ukoll dik tal-access flimkien, tenut kont tal-fatt li hemm resistenza ghall-access mill-minuri u konsegwentement, il-kura u kustodja konguntiva tigi messa in kontestazzjoni.

L-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u dan minhabba l-fatt li l-minuri jibzghu minn missierhom u lanqas iridu jafu bih jew jattendu ghall-access. Il-kontendenti jipprezentaw verzjonijiet kontrastanti rigward ir-relazzjoni bejn il-konvenut u uliedu. Ghall-attrici t-tfal ghaddew minn hafna meta esperjenzaw vjolenza domestika fid-dar taghhom, tant li spiccaw kienu wettqu *self-harm* fuqhom innifushom. Il-konvenut jinnega li qatt kien vjolenti mat-tfal tieghu u sakemm kien hemm il-proceduri ta' medjazzjoni, l-access kien qed isir regolarment, imbaghad kien hemm xi drabi fejn kellu ihassar l-access, izda jattribwixxi t-tibdil fl-attitudni tal-attrici meta kellu xi jghid mas-sieheb tal-attrici meta riditu jwassal it-tfal ghandu.

Bradley Desira, in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal irrelata dwar jekk ghandux ikun hemm access bejn il-konvenut u l-minuri. Il-konkluzzjonijiet raggunti minnu huma li l-minuri ma jridux ikollhom access ma' missierhom, addiritura jhossu li l-gurnata tghaddi ahjar jekk ma jiltaqghux mieghu u kkonkluda illi ***" …minhabba l-fatt li l-minuri ma jidhrux li huma lesti li jattendu ghall-access b'mod volontarju u s-sinjur Falzon ma jixtieqx li jkunu sfurzati, il-haddiem socjali huwa tal-umli fehma li m'ghandux ikun hemm access bejn il-minuri u s-sinjur Falzon ghalissa, sakemm forsi jigi zmien 'l quddiem fejn il-minuri jkunu jixtiequ l-access ma' missierhom, u allura huma ghandhom ikunu liberi li jattendu ghal dan l-access."***

Il-konvenut jikkorrobora l-verzjoni ta' Desira u anke jekk jixtieq jara lil uliedu lanqas jixtieq li jmorru kontra qalbhom. Jallega pero' li waslu f'dan l-istat peress li kemm l-attrici kif ukoll ommha ghandhom influwenza kbira fuq it-tfal minuri u jghawwuhom kontra l-konvenut u dan seta' jikkonfermah minhabba l-fatt li kemm il-darba kien icempel sabiex ikellem

lit-tfal, huma kien jibqghu silenzjuzi, filwaqt li kien jisma' l-vucijiet ighidulhom kif ghandhom jirrispondu.

Il-konvenut juri d-dispjacir tieghu li ma kienx involut fil-Grizma tat-tifel C  u assuma li kien ser jiccelebrah fil-parrocca taghhom, meta sar jaf li ma kienx hekk. Jallega ukoll li l-attrici kienet infurmat l-iskola fejn jattendu l-minuri bl-email zbaljat tieghu appositament u kien ghamel l-arrangjamenti sabiex jigi nfurmat bi kwalsiasi informazzjoni u korrispondenza li tinghata mill-iskola.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rapport ta' Bradley Desira u tissottolinea li kien hemm wisq konsistenza bejn il-verzjoni tal-minuri ma' dik t'ommhom u ma teskludix li verament kien hemm influenza mill-omm fuq il-minuri. Fil-fatt meta Desira staqsa lill-minuri biex isemmu xi haga pozittiva fuq il-konvenut, l-unika haga pozittiva li semmew hu li gabhom fid-dinja.

Il-verzjoni tal-konvenut li qatt ma kien vjolenti mat-tfal mhix daqshekk kredibbli u dan tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici ssemmi li kien hemm *self-harm* inwettaq miz-zewg minuri, ghalkemm f'dan is-sens, il-Qorti tinnota ukoll li l-attrici ma ressqet ebda provi sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghhom u lanqas il-haddiema socjali naqas li jsaqsi lit-tfal dwar dina l-problema, jekk kienx minnu u x'wassalhom jaghmlu hekk.

Li hu cert, huwa li kien hemm cirkostanzi fejn kien il-konvenut jirrizulta li kien aggressiv jew vjolenti li halla impatt fuq il-minuri, li wassal li jinstillaw biza fihom. Certament, l-attrici u l-familja m'ghenux biex itaffu dan l-ugigh billi kienu jitkellmu kontra l-konvenut.

Jirrizulta ukoll li bejn il-kontendenti ma tezisti ebda forma ta' komunikazzjoni u addiritura lanqas ma jitkellmu. Dan jikkrea problemi fuq livell ta' dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri gialadarba l-partijiet mhumiex kapaci jikkooperaw bejniethom.

Madanakollu, jirrizulta ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien prezenti sabiex jiffirma u jaghti l-kunsens tieghu ghall-hrug ta' passaport tal-minuri f'okkazzjoni minnhom. Imma fl-istess waqt, il-konvenut lanqas jaf jekk il-minuri K, ghadux ibati minn *nut allergy* li kellu u dan huwa nuqqas sostanzjali da parti tal-konvenut.

Il-ligi taghna tipprovdi dwar access u li dan ghandu jigi ezercitat b'mod li ma jqieghedx f'riskju u li ma jkunx ta' hsara ghall-wild minuri u ghall-attrici ai termini tal-Artikoli 57 (2) u 57 (3) tal-Kodici Civili:-

> ***"57. (2) Hu mholli fid-dehen tal-Qorti li tistabbilixxi, skond ic-cirkostanzi, iz-zmien, il-lok u l-mod li fihom il-mizzewwgin ikollhom access ghall-ulied;***
>
> ***Izda l-Qorti tista' tirrevoka d-dritt ghall-access meta l-konjugi li jinghata tali dritt jonqos milli jezercita tali dritt minghajr raguni valida.***
>
> ***(3) Il-Qorti tista' tipprojbixxi ghal kollox lil kwalunkwe wiehed mill-genituri li jkollhom access ghall-ulied minuri taghhom, meta dan jista' jkun ta' hsara ghall-gid tal-istess minuri jew ghall-gid ta' kwalunkwe wiehed mill-genituri."***[22]

[22] Appell Civili deciza fis-27 ta' Ottubru, 1995 – LXXIX.ii.624

Inoltre principju iehor relatat mal-access huwa li dan ghandu dejjem ihares l-interessi tal-minuri. Effettivament, il-gurisprudenza nostrana ukoll irriteniet u segwit dan il-principju fid-decizjonijiet taghha rigwardanti l-access. Fil-kawza **Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro.et.noe.**[23] **il-Qorti rriteniet:-**

> ***"…fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn dina l-ottika u hekk motivata (Ara ukoll Av.Dr.Stephen Thake noe. Vs Joseph Portelli Appell Civili deciz fl-4 ta' Novembru, 1994 – LXXVIII.ii.338; Monique Grecula vs Ronald Ellen Grecula deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-6 ta' Marzu, 2002."***

Dan ukoll gie kkonfermat minn dina l-Qorti fis-sentenza **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[24]**.**

Il-gurisprudenza nostrana tmur oltre meta tkun qed tikkunsidra l-principju bazilari tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-minuri u enuncjat ukoll li jekk kemm il-darba l-*modus vivendi* tal-partijiet huwa nieqes minn kull forma ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni, kura u kustodja konguntiva tkun kompletament ineffettiva u kontra kull kuncett ta' interess ghall-minuri.

Fil-fatt, il-Qorti tikkonferma dak sottomess mill-attrici meta ccitat is-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani** fejn il-Qorti ddecidiet li tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-genitur wiehed "***in vista tal-fatt li***

---

[24] Qorti tal-Appell deciza fl-4 ta' Marzu, 2014

***bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bazika u dan kif jikkonfermaw il-partijiet nfushom u d-diversi professjonisti li taw il-kontribut taghhom f'din il-kawza."***[25]

Gie ukoll ritenut hekk fil-kaz ***Miriam Cauchi pro.et.noe. vs Francis Cauchi:-***

> "***fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom."***

Dan l-insenjament kompla gie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano** fejn il-Qorti sahqet illi "***filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri mhumiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors t' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri."***[26]

Ghaldaqstant, in linea ma' dak enunciat fil-gurisprudenza nostrana kif fuq suespost bl-applikazzjoni ghall-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz odjern, dina l-Qorti thoss li:-

i) Il-kura u kustodja m'ghandhiex tibqa' konguntiva u ghandha tghaddi esklussivament f'idejn l-attrici.

ii) M'ghandux ikun hemm access ezercitat bejn il-konvenut u l-minuri. Dan qed jinghad b'mod partikolari in vista tar-rapport tad-Direttorat esebit fl-atti tal-medjazzjoni, datat 18 ta' Ottubru 2022. Iz-zewgt itfal, li llum ghandhom l-eta' taghhom, ghandhom jkunu liberi li

---

[2525] Rik. 2/2015 deciza fis-7 ta' Marzu, 2023 u kkonfermata fl-appell fil-5 ta' April, 2023 (App. 2/2015/4)

[26] Rik. 277/2012 deciza fit-30 ta' April, 2015

jmorru ma' missierhom. Kienu x'kienu c-cirkostanzi fil-passat, il-konvenut jibqa' missierhom, u zgur ser jkun hemm mumenti f'hajjithom fejn huma ser jfittxuh u jigu bzonn il-presenza tieghu. Aktar ma dawn ic-cirkostanzi jigru malajr, aktar jkun ta' gid ghal kulhadd, specjalment ghat-tfal.

**iii)** Kwalsiasi decizjoni rigwardanti l-edukazzjoni, sahha, attivitajiet extra-kurrikulari, kif ukoll tigdid tal-passaport ghandhom jittiehdu unikament mill-attrici.

**<u>Manteniment</u>**

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"**Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."***

Inoltre, l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' dettat skond il-mezzi taghhom, ikkalkulati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> ***"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" u***
>
> ***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."***

Inoltre, dina l-Qorti rriteniet diversi drabi illi "***dan l-obbligu ghall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut.***"[27]

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

> "***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

Il-Qorti taghmel referenza ukoll f'dan il-kuntest ghas-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro.et.noe. vs Joseph Balzan** deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-26 ta' Frar, 2015, fejn inghad u gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2016, illi l-Qorti m'ghandhiex

[27] Maria Bugeja pro.et.noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94

***"tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul…li kapaci jiggenera."***

Skond il-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsoli 19 sa 24 il-kontendenti ftehmu li l-konvenut obbliga ruhu li jhallas €200 ghal kull wild, liema somma ghandha tithallas kull xahar u ghandha tizdied skond l-gholi tal-hajja u oltre dan kellu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll ghall-attivita' extra-kurrikulari wahda.

Il-konvenut jammetti li minn zmien il-kuntratt ta' separazzjoni qatt ma hallas sehemu tal-ispejjez edukattivi u tas-sahha u dawk ta' attivita' extra-kurrikulari wahda, kif ukoll kien hemm perjodu fejn kien waqa' lura fil-pagamenti ta' manteniment.

Il-Qorti taccenna ghal fatt li l-partijiet kienu waslu ghal ftehim verbali li kemm il-darba l-konvenut ma kienx qed ihallas il-manteniment, l-attrici ma kinitx ser taghtih it-tfal. Dak iz-zmien dan il-ftehim kien komdu ghall-partijiet li jaqblu u ma jiccaqalqux mill-posizzjoni taghhom li kien ta' vantagg ghalihom it-tnejn a skapitu tal-minuri.

Kien biss meta l-attrici rrealizzat li ma setghetx tlahhaq mal-ispejjez ta' uliedha li ddecidiet li terga' tibda tinsisti ghall-manteniment u kien biss wara li pprocediet bil-proceduri tal-Qorti li l-manteniment beda jithallas peress li beda jinqata' mill-paga tieghu.

Prezentement il-konvenut jahdem *self-employed* b'lifter u gew esebiti diversi ritratti mehudin minn Facebook fejn hemm riklamat is-servizzi li joffri. Bhala dejn ighid li ghandu €500 rapprezentanti self li ha mal-gharus tieghu ghall-post fejn joqoghdu. Ghandu spejjes generali tal-utilitajiet, kif ukoll ihallas il-manteniment fis-somma ta' €415 peress li zdied mal-ammont originarjament miftiehem fil-kuntratt, l-gholi tal-hajja. Ihallas ukoll €100 fix-xahar liema somma tirrapprezenta l-arretrati ta' manteniment li ftehmu fuqhom il-kontendenti skond ma jirrizulta mill-iskrittura li ffirmaw bejniethom datata 22 ta' Marzu, 2023.[28]

L-attrici tahdem bhala *part-time hairdresser*, izda tghid li iktar tkun qed tghin fil-confectionary tar-ragel taghha. L-attrici stess ma pprezentat l-ebda income tax returns sabiex turi l-introju taghha u kien jispetta lilha sabiex tipprova li l-mezzi taghha mhumiex sufficjenti sabiex tmantni lil uliedha, iktar u iktar meta tiddikjara li ghandha 'l fuq minn €1,000 fix-xahar bhala spejjes ghall-bzonnijiet tat-tfal, inkluz spejjes medici, edukattivi u extra-kurrikulari.

Hemm diversi spejjez medici li jridu jinkorru l-partijiet peress li l-minuri K ibati minn nut allergy u ghalhekk irid ikun hemm epipen disponibbli dejjem, liema epipen tqum 'l fuq minn €100 u jekk kemm il-darba ma tintuzax fi zmien sitt xhur trid tinxtara wahda gdida.

Di piu', il-konvenut mhuwiex konvincenti meta jghid li l-introjtu tal-attrici huwa sostanzjali peress li kienet ghamlet diversi interventi kirurgici u meta in kontro-ezami gie mistoqsi sabiex jelabora fuq dawn l-interventi, kien

[28] Dok. A anness mal-affidavit tal-attrici.

kapaci biss ighid li kien qed jassumi li ghamlet operazzjoni sabiex tonqos, peress li kienet ehxen u operazzjoni biss setghet twassal ghan-nuqqas ta' piz taghha. L-assunzjoni mhix prova *per se* u ghalhekk il-konvenut ma jirrizultax konvincenti.

L-attrici qed tippretendi li jkun hemm varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu li ghandu jizdied il-manteniment ghal €600 fix-xahar, liema somma ghandha tinkludi fiha s-sehem tal-konvenut ghal dak li jirrigwarda spejjes edukattivi tas-sahha u medici, kif ukoll dawk extra-kurrikulari. Ghall-konvenut imbaghad l-ammont li qed ihallas prezentement (€415) huwa sufficjenti ghalih pero' dina l-Qorti tissottolinea, li apparti dawn il-flejjes, kien obbliga ruhu li jhallas ghan-nofs l-ispejjes medici, edukattivi u ghall-attivita' extra-kurrikulari u dan m'ghamlu qatt, fuq ammissjoni tieghu stess. Dan hu dispjacir kbir ghal dina l-Qorti ghaliex il-konvenut huwa konsapevoli li l-minuri Kelthon ghandu l-problemi tieghu bin-*nut allergy* li tista' tkun fatali jekk wiehed ma jiehux hsieb.

Tenut kont tal-mezzi tal-partijiet, il-bzonnijiet tal-minuri, dina l-Qorti tikkunsidra li l-ammont ta' €415 mhuwiex bizzejjed sabiex l-attrici tmantni lill-minuri uliedhom. Jista' jaghti l-kaz, li l-attrici ddecidiet li tmexxi ghall-manteniment sabiex tissalvagwardja lill-uliedha, wara li saret taf li l-konvenut kellu tarbija ohra mir-relazzjoni li kellu, pero' dan ma jnehhi xejn mill-obbligi tal-konvenut li jikkontribwixxi skond il-mezzi tieghu ghall-alimenti tal-minuri. **L-ammont ta' €550 fix-xahar li jinkludi fih s-sehem tal-konvenut ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha u l-attivita' extra-kurrikulari iktar jinkwadra fil-bzonnijiet tal-attrici ghall-minuri.**

Il-manteniment ghandu dejjem jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena f'kaz li l-minuri jkollhom impjieg *full-time*, b'dana li jekk it-tfal minuri ikomplu l-istudju taghhom f'livell post sekondarju fuq bazi *full-time* dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu 23 sena, skond liema minn dawn ic-cirkostanzi tavverra ruhha l-ewwel.

**Arretrati (Manteniment)**

Dwar l-arretrati jirrizulta li hemm il-ftehim li waslu ghalih il-partijiet fl-iskrittura datata 23 ta' Marzu, 2022 fejn irregolaw il-hlas tal-istess u dan ghandu jibqa' applikabbli peress li wara dina l-istess skrittura l-konvenut baqa' jhallas il-manteniment b'mod regolari.

**Arretrati (Spejjez edukattivi/medici u extra-kurrikulari)**

Minn meta l-kontendenti ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni datat 31 ta' Lulju, 2019 skond klawsola 23 tal-istess kuntratt l-partjiet qablu li "***kwalunkwe spejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni u sports tal-minuri ghandhom jinqasmu b'mod ugwali, wara li jigu moghtija d-debita rcevuti jew provi ta' tali hlas, b'dan illi dik il-parti li tkun trid thallas sehemha ta' dawn l-ispejjez lill-parti l-ohra ghandha taghmel dan minghajr dewmien."***

Skond Klawsola 24 gie miftiehem ukoll "***Illi l-partijiet jaqblu ukoll illi l-ewwel attivita' extra-kurrikulari ta' kull minuri ghandha tinqasam nofs b'nofs bejn il-partijiet …"***

Il-partijiet ikkonfermaw li l-konvenut qatt ma ghamel il-kontribuzzjonijiet tieghu lejn dawn l-ispejjes u l-attrici stess kienet tohrog u tkopri dawn l-ispejjez u lanqas ma zammet records tal-ispejjes li kienet taghmel. Jista' jinghad li dan kien minhabba li b'mod tacitu, il-partijiet kienu ftehmu li hi ma titlobx manteniment minghand il-konvenut u hu ma jkollux access ghat-tfal, izda sussegwentement iffirmaw l-iskrittura fit-22 ta' Marzu, 2023 fejn wasslu ghall-ftehim rigward arretrati ta' manteniment u sorprendentement ma dahlux fil-kwistjoni ta' arretrati ta' spejjes edukattivi u tas-sahha.

Ma jirrizultax pero' li l-attrici haffrithomlu fl-ebda hin u ghaldaqstant jibqa' *in vigore* il-kuntratt ta' separazzjoni. L-attrici ma pprezentatx ircevuti kif diga' spjegat pero' pprezentat prospett fl-affidavit taghha fejn elenkat diversi spejjes, fosthom dawk edukattivi, tas-sahha u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda, fejn gie kkalkulat li jammontaw ghal cirka €300 fix-xahar ghaz-zewgt ulied u ghaldaqstant is-sehem tal-konvenut huwa dak ta' €150 cirka.

Tenut kont tal-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni jmur lura ghas-sena 2019 u kien perjodu taz-zmien il-Covid 19 fejn ghaldaqstant it-tfal ma kinux qed jattendu l-iskola regolarment, kif ukoll l-attivitajiet extra-kurrikulari ma kinux qed isiru, u anke minhabba t-trapass taz-zmien, l-arretrati ghandhom

ikunu dawk ta' €100 fix-xahar tul perjodu ta' 56 xahar u cioe' mill-31 ta' Lulju, 2019 sa Marzu, 2023 (56 x 100 = €5,600).

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri K u C , ahwa F ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li jigi tterminat l-access tal-intimat ghall-minuri.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici *in parte* u tordna lill-konvenut jivversa manteniment adegwat ghaz-zewg minuri fis-somma ta' €550 fix-xahar, liema manteniment ghandu jinkudi fih l-ispejjez medici, edukattivi u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-manteniment fiss jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u jekk kemm il-darba l-konvenut huwa impjegat il-manteniment akkordat ghandu jinqata' direttament mis-salarju tal-intimat jew mill-beneficcji socjali illi l-intimat ikun qieghed jippercepixxi, b'dan illi l-*employer* tal-intimat jew id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghandhom jigu ordnati jesegwixxu din l-ordni u jhallsu lir-rikorrenti direttament f'kont bankarju intestat f'isimha. Fil-kaz li l-konvenut huwa

*self-employed* kif inhu prezentement, ghandu jhallas il-manteniment direttament fil-kont bankarju intestat f'isem l-attrici u ndikat minnha stess. Ic-childrens allowance ghandu jibqa' ppercepit mill-attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna l-konvenut sabiex ihallas l-arretrati ta' sehemhu mill-ispejjes medici, edukattivi u ta' attivita' extra-kurrikulari wahda (gym) ghall-bzonnijiet tal-istess minuri mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 31 ta' Lulju, 2019 li gew ikkwantifikati fl-ammont ta' €100 fix-xahar (56 months x 100 = €5,600) kif imfisser iktar 'l fuq.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex tkun tista' tapplika u ggedded il-passaport taz-zewg minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, inkluz dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni numru 1377/20.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Registratur**